**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 5 ta' Novembru, 2020

Rikors Numru: 326/19 AL

**AB**

Vs

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti u li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar id-29 ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv u dan kif jidher mill-kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok "A";
2. Illi l-partijiet ilhom snin separati tant illi s-separazzjoni legali ġiet konkluża permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dr.

Marco Burlo datat tlieta t' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (03/10/2011) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bħala Dok "B" u mill-kuntratt ta' emenda tal-Kuntratt ta' Separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa datat 21 Frar 2017 hawn anness u mmarkat bħala Dok 'C'.

3. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġt itfal li twieldu nhar l-erbatax ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (14/02/2008);
4. Illi ma hemmx l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijeit ilhom separati u ma jgħixux flimkien għal aktar minn erba' (4) snin matul l-aħħar ħames (5) snin preċedenti dal-Umli Rikors u b'hekk jissodisfaw il-kriterja tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
5. Illi dwar manteniment xejn mhu dovut u l-esponenti jiddikjara ma hemm l-ebda manteniment dovut li jitħallas lill-intimata filwaqt li huwa qed iħallas regolarment il-manteniment dovut għal minuri.
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u dan a tenur tal-artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għalhekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata a fol 18 li permezz tagħha esponiet:

1. Illi salv għall-pretensjonijiet tal-intimata kif ser jiġu elenkati hawn isfel, l-intimata ma topponix għat-talba sabiex dina l-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.

2. Illi għalkemm il-manteniment tal-minuri dejjem tħallas, skont l-artikolu 7 tal-kuntratt ta' separazzjoni dan għandu jiġi revedut kull sentejn. Sallum, il-manteniment ġie rivedut darba biss fit-2 ta' Marzu 2017 (meta ġie ffirmat l-emenda tal-kuntratt tas-separazzjoni) u għalhekk il-manteniment kellu jerġa jiġi rivedut fit-2 ta' Marzu 2019.

3. Illi r-rikorrenti qatt ma ħallas l-ispejjeż straordinarji ta' saħħa, fost oħrajn spejjeż ta' injections, u dan nonstante illi ġie interpellat iħallas diversi drabi mill-intimata.

Għaldaqstant l-intimata titlob illi t-talbiet tar-rikorrenti jiġu milqugħa salv illi l-manteniment tal-minuri jiġi rivedut skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppublikata fil-gazzetta tal-gvern u dan ai termini tal-artikolu 7 tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 3 t' Ottubru 2011 u r-rikorrenti jħallas nofs l-ispejjeż straordinarji ta' saħħa ai termini tal-artikolu 9a tal-istess, u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Lulju, 2019;

Rat ir-risposta tal-intimata li ġiet ikkonfermata minnha bil-ġurament;

Rat il-verbal tas-seduta 27 t' Ottubru 2020 li permezz tiegħu Dr. Sladden għall-intimata iddikjarat li l-intimata tħallset l-ammonti kollha dovuti lilha bħala manteniment mir-rikorrenti.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-3 t' Ottubru 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.